# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Il-Milied f'Betlehem** — Il-Milied li għadda kien l-aqwa Milied li sar, Betlehem minn kemm ilha l-Art Imqadrsa meħlusa mit-Torok. Barranin kien hemm ma' dwar ħmistax-il elf ruħ, mill-Ewropa u mill-Amerki, u sa min pajjiżi Kommunisti. Xi elfejn u ħames mija, Għarab, li jgħixu f'Israel, tħallew jidħlu Betlehem, fil-Ġordanja u għaddew il-Milied ma' nieshom. Din is-sena kienet hemm ukoll Zita, l-ex-Imperatriċi tal-Awstrija Kien ajru ċar u xemx fietla. Is-siġra tal-prinjoli ta' quddiem il-Bażilka, f'Betlehem, kienet imżejna bil- bozoz u fuqha kewkba kbira tixgħel, u taħtha l-kelmiet "Milâd Sâlem. Subħân L'Illâh", u t-tifsir bl-Ingliż: "Merry Christmas, Glory Be To God". Il-ħafliet, fil-knisja u barra, saru mill-isbaħ li jista' jkun.

**Il-Mewt tar-Rabbi Toledano** — Ir-Rabbi Jagħkob Môxe Toledano, Ministru tal-Kulti f'Israel, li kellu tmenin sena u li ftit ilu żżewweġ xebba ta' tmintax, (ara dal-Qari, Aħbarijiet għadd ,4 1960), miet b'attakk f'qalbu f'Tel-Aviv, f'Ottubru li għadda. Kien twieled f'Tabarija, il-Palestina, u tkeċċa minn hemm fl-ewwel Gwerra Kbira, 1914-18. Mar Korsika, u raġa' ġie fl-1920. Laħaq Rabbi tas-"Separdîn" fl-1941, u sar Ministru tal-Kulti fl-1958, kif baqa' sa miet.

**Sejbien ta' qdumija f'bir Katixma** — Nofs triq bejn Ġerusalem u Betlehem, f'art li tmiss lil Israel, għiejed isir taħfir qrib minn bir antik, li jingħad li l-Madonna strieħet ma' ġenbu u xorbot minnu u sqiet lil Bambin, hi u sejra Ġerusalem. S'issa nsabu hemm fdalijiet ta' Dejr u knisja tal-Insara Biżantini, tas-sena 450, u taħthom insab ukoll fdal ta' banjijiet Rumani bil-madum miktub fih "Leg X Fret" (Legio Decima Fretensis), u tarġa' taħt dawn insab fdal ta' Qasar kbir ta' żmien il-Persjani, ta' xi erba' mitt sena qabel Kristu. Insab xaqquf bil-ħâtem ta' David (żewġ trijangli f'xulxin, bħal kewkba b'sitt ponot) bil-kitba "JRXLM" (Ġerusalem) jew "JHWD" (Jehud, jiġifieri *Lhud*). It-taħfir għadu sejjer.

**Il-Bazilka ta' Nazaret** — Il-bini tal-Bażilka l-ġdida ta' Nażaret, beda. Ix-xogħol ħaditu d-ditta Lhudija "Solel Boneh", ta' Hajfa. Sa tkun b'żewġ knejjes, knisja fuq u knisja taħt. Fil-pattijiet inħatar li: a) il-knisja ta' taħt għandha tkun lesta minn kollox żmien sentejn; b), għandhom jingħażlu l-ewwel ħaddiema min-Nazaret, u c), ma jaħdmux fil-Ħdud u l-Btajjel tal-Insara. Il-Franġiskani għandhom flus għal knisja ta' taħt, imma ma għandhomx għal knisja ta' fuq. Imma għandhom tama' fil-Madonna, li tmiss il-qlub tal-Insara, u tipprovdilhom fil-waqt.

**Novizzi Gharab ir-Rabat, Malta** — Bħal issa jinsabu fid-Dejr ta' Ġieżu tar-Rabat żewġ Novizzi Franġiskani tal-Qabar ta' Kristu, Għarab, li ġew itemmu l-istudju tagħhom hawnekka mill-art ta' Israel, fil-Palestina. Dan ġara għax billi huma taħt bandiera Lhudija, ma jistgħux imorru jistudjaw fid-Dejr il-Kbir ta' Ġerusalem, li jinsab fit-Taqsima tal-Ġordanja, billi l-Ġordanja u Israel għadhom fi stat ta' gwerra. Għandhom idumu hawna sentejn jew tlieta.

# REQUIESCANT IN PACE (*)

*Nixtieq li l-imseħb'n tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MALTA

IL BELT — Ġuża Foraci, Ċensu Cachia, Nieża Cachia, Vincent Cachia Edgard Cachia, Ġulju Vella, Anna Magro, John Bondin, Ġanna Bondin, Fonsu Bondin. Kelina Cini, Salvu Mifsud, Mikiel Scicluna, Karmni Micallef, Ġorġa Micallef, Salvu Micallef, Filippa Farrugia, Ġorġ Farrugia, Emilja Sciberras, Ġużeppi Sciberras, Ġużeppi Mizzi, Ġanna Frangia, Ġuditta Nappa, Ludgarda Nappa, Karmenu Nappa, Salvu Nappa, Ġużepp Zammit, Ġorġ Borg Patist Caruana, Karmen Caruana, Karmen Tabone, Ginny Mifsud, Karmena Agius, Ċensa Agius, Ċensa Aquilina, Victor Aquilina, Pawla Agius, Karmen Agius, Nieza Schembri, Kelina Schembri, Ġanni Gristi, Pawlu Bonnici, Ġużepp Navarro, Katerina Navarro, Milea Bianco, Karmena Barbara, Karmenu Barbara, Gejtan Micallef, Grazja Bonello, Karmena Agius, Ġanni Bonello, Ċensa Micallef Rosalia Micallef, Marija Bonello u Pawlina Bonello.

IL-FURJANA — Saver Buġeja, Manwel Buġeja, Kola Buġeja, Stella Frendo, Serġju Ricci Toni Borg, Ċetta Borg, Ġużi Borg, Cresja Borg, Saver Borg, Tereża Pisani Karmenu Segon, Ġolina Segon, Loreta Agius, Ċensa Agius, Peppa Colombo, Wenzu Pace, Anacleta Camilleri, Patist Camilleri, Ċensa Bartolo, Pupull Bartolo, Ġerardu Musu, Pupull Musu, Karolina Camilleri, Pawlu Camilleri, Karmena Murgo, Lużar Murgo, Toninu Borg, u Ġużeppi Borg.

IŻ ŻEJTUN — Joe Depasquale, Ġakbu Brincat, Ġanni Agius, Karmnu Camilleri, u Ġanna Callus.

IL-HAMRUN — Marijann Vassall, Toni Vassall, Wiġi Tabone, Gulierma, Rafel Laughermo, Karmena ma, Rafel Lughermu, Karmena Lughermo, Ġanna Grima, Wenzu Lughermo, Ġanni Vella, Kelina Sciberras.

ĦAL-LUQA — Indirjana Zammit, Konċett Schembri, Ġużepp Sammut, Ġużeppi Debattista, Carmelo Mallia, Andrea Zammit, Maria Cassar, Andrea Camilleri, Mose Camilleri, Feliċ Baldacchino, Joseph Sammut.

HAŻ-ŻABBAR — Salvu Mamo, Karmena Mamo, Manwel Formosa, Salvinu Gauċi, Rożina Gauci, Natalizja Darmanin, Frans Darmanin, Karmenu Darmanin, Wenzu Darmanin, Toni Darmanin, Rożina Darmanin, Karmena Rizzo Manwela Pulis, Karmenu Vella Ġużepp Zammit, Grezz Zammit, Peppi Zammit, Salvu Caruana, Lużarja Caruana, Natalina Caruana, Ġanna Pulicino. Manwel Pulicino, Karmena Ellul, Ġużeppi Buhagiar, Mariann Calleja, Martin Bonavia, Lunzjat Bonavia, Salvu Bonavia, Domenka Bonavia, Karmenu Bonavia, Bastjan Valvo, Tereża Valvo, Toni Valvo, Karmenu Valvo, Lużarja Busuttil, Ġużepp Busuttil, Mari Busuttil, Salvu Vella, Mariann Vella, Konċetta Seychell, Dorothy Vella, Salvu Seychell, Ġużeppa Seychell, Manwel Barone.

ĦAL-LIJA Marijann Fenech, Manwela Agius, Salvu Bezzina, Anni Bezzina, Karmena Ferrante, Karmena Galdes Teodor Caruana, Ċensu Inguanez, Ċenza Inguanez, Fortunata' Inguanez, Karmena Inguanez, Ċikku Zammit, Grezzja Zammit, Karmnu Zammit.

TAL-PIETA — Salvinu Djacono, Rikard Palmier, Ċetta Djacono, Mari Palmier, Karmenu Djacono, Franġisku-Saverju Palmier, Ġużepp Micallef, Marija Buġeja.

RAĦAL L-ĠDID — Lunzjata Gauċi, Ġużeppi Agius, Ġużeppi Zammit, Lukard Felice.

IL-QRENDI — Mari Caruana, Ġużepp Caruana, Kelina P a c e, Emilja Buġeja, Ġużepp Sammut, Ġanni Farruġa, Ġużepp Farruġa, Ċikka Abdilla, Ġużepp Formosa, Terez Caruana, Franġiska Vella, Salvu Borg, Lużarja Borg u Mari Borg.

IL-MOSTA — Karmenu Vella, Filomen Vella, Mari Zammit, Salvu Zammit, Grezzja Galea, Salvu Galea, Indri Galea, Emma Mifsud-Ellul, Netta Mifsud-Ellul, Verġina Galdes, Ġanni Mifsud-Ellul, Mari Mifsud-Ellul, Ġużepp Buhagiar, Veneranda Buhagiar, Manwela Buhagiar, Mikiel Tanti, Anni Tanti, Karmenu Camilleri, Ġużepp Camilleri, Franġisk Fenech, Pawlu Azzopardi, Vanda Azzopardi, Terez Azzopardi, Karmnu Chetcuti, Lużarja Chetcuti, Tereża Saliba, Franġisk Spiteri, Karlu Azzopardi, Flora Azzopardi, Ċikku Azzopardi, Bertu Chetcuti u Pawla Buhagiar.

SANTA VENDRA — Anni Mallia, Karmnu Mallia, Spiru Farrugia, Lucy Farrugia, Karmni Ellul, Battista Ellul, Ġużepp Formosa, Ġużeppa Formosa, Ċikku Farrugia, Toni Farrugia, Karmni Bajjada, Karmnu Bajjada, Edgar Camilleri, Ġuditta Camilleri, Toni Camilleri, Salvu Borg Salvu Debono Karmni Debono Anna Mercieca, Karmenu Mercieca, Victor Callus, Ċetta Callus, Toni Callus, Mari Camilleri Ġużepp Camilleri, Mikiel Attard, Ġużepp Attard, Lolly Attard, Rożina Mercieca, Salvu Mercieca, Karmnu Mercieca, Toni Farrugia, Franġiska Farrugia, Ġorġina Borg, Fredu Borg, Kostantinu Magro Ġuża Spiteri, Mari Buġeja, Spiru Buġeja, Salvu Mercieca, Fredu Borg Ġanna Farrugia, Evelina Spiteri, Gaspru Grech, Adelina Grech, Tessie Magro, u Antea Grech.

IR-RABAT (Għawdex)

Dolores Grech, Marija Antonja Buġeja, Antonja Buġeja Franġisku Grima, Georgio Grima, Michelanġelo Abela, Roża Abela, Marija Abela, Dolores Abela, Ġużeppi Grech, Ġużeppi Casar, Ġewarda Cassar, Agata Mizzi, Pawlu Mizzi, Franġisku Mizzi, George Mizzi, Ġużeppa Cassar,

XEWKIJA

Karmelo Spiteri, Ġużeppi Spiteri, Maria Haber, Marċello Haber, Antonjo Camilleri, Vinċenza Borg, Salvu Borg, Govanni Valla, Tereża Zammit, Grezju Farrugia, Rożina Debrincat, Marjanna Farrugia, Lwiġi Vella, Anġelina Curmi, Katerina Farruġia, Rożina Farrugia, Ġużeppi Azzopardi.

IL-QALA: Gerita Camilleri.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*

(*) Il-bqija tal-ismijiet tal-Mejtin inġibuhom f'ħarġa oħra; imma s-sufraġji għar-ruħhom fl-Imkejjen Mqaddsa ta' Ġerusalem, isiru xorta waħda.